

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Marzu 2009

dwar l-estensjoni u l-modifikazzjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika

(2009/306/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 170 tiegħu flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 98/591/KE <sup>(2)</sup>, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998.
- (2) L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jipprovdi, b'mod partikolari, li l-Ftehim jista' jiġi estiż, b'emendi possibbli, għal perijodi addizzjonali ta' ħames snin bi ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni 2004/756/KE <sup>(3)</sup>, il-Kunsill ġedded il-Ftehim għal perijodu ulterjuri ta' ħames snin b'effett mill-14 ta' Ottubru 2003.
- (4) L-Istati Uniti tal-Amerika infurmaw lill-Kummissjoni li se jilqgħu l-estensjoni tal-Ftehim għal ħames snin oħra. Estensjoni rapida għandha fuq kollox tkun fl-aqwa interressi taż-żewġ partijiet.

(5) Il-kontenut materjali tal-Ftehim estiż se jkun identiku għall-kontenut materjali tal-Ftehim li skada fit-13 ta' Ottubru 2008, bl-eċċezzjoni ta' emenda teknika li tikkonsisti l-iktar fiż-żieda ta' riċerka dwar is-sigurtà u l-isparju fil-lista ta' setturi għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni, f'konformità mal-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka tal-Komunità.

(6) L-estensjoni tal-Ftehim għandha tiġi approvata fisem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-estensjoni, għal perijodu ulterjuri ta' ħames snin, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”), suġġett għall-emendi stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, hija b'din approvata fisem il-Komunità.

*Artikolu 2*

Konformement mal-Artikolu 12 tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill għandu fisem il-Komunità, jinnotifika lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar it-tweqqif mill-Komunità tal-proċeduri interni neċessarji għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim (\*).

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. BENDL

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-5 ta' Frar 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

<sup>(2)</sup> ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35.

<sup>(3)</sup> ĠU L 335, 11.11.2004, p. 5.

<sup>(\*)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-ħila tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

## ANNEX

**It-test emendat tal-Artikolu 4 tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika***“Artikolu 4***Żoni ta' attivitajiet ta' koperazzjoni**

- a) Is-setturi għall-attivitajiet ta' koperazzjoni jistgħu jinkludu:
- ambjent (inkluża riċerka dwar il-klima),
  - biomediċina u saħħa (inkluża riċerka dwar l-AIDS, mard li jittieħed u abbuż mid-droga),
  - agrikoltura,
  - xjenza dwar is-sajd,
  - riċerka dwar l-inġinerija,
  - enerġija mhux nukleari,
  - riżorsi naturali,
  - xjenzi dwar il-materjali (inkluż in-nanoteknoloġija) u l-metroloġija,
  - teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni,
  - telematika,
  - bioteknoloġija,
  - xjenzi u teknoloġiji tal-baħar,
  - riċerka dwar xjenzi soċjali,
  - trasport,
  - riċerka dwar is-sigurtà
  - riċerka dwar l-ispazju
  - linja politika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, ġestjoni, taħriġ u mobbiltà ta' xjenzati.
- b) Il-Partijiet jistgħu jimmodifikaw din il-lista fuq rakkomandazzjoni tal-Grupp Konġunt Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 6, skont il-proċeduri fis-seħħ għal kull Parti.
- ċ) Il-Partijiet jistgħu konguntemment jsewgu attivitajiet ta' koperazzjoni ma' partijiet terzi.”.
-